MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 1206/2012

**Essor Systems Limited**
**(C – 49604)**

**vs**

**L&L Europe Limited**
**(C – 53706)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-3 ta’ Dicembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti L&L Europe Limited sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi permezz tal-mandat indikat fl-okkju odjern datat is-7 ta’ Settembru, 2012, il-kontijiet bankarji tas-socjeta` rikorrenti gew sekwestrati skont il-ligi;

2. Illi l-istess mandat kienipprezentat flimkien ma’ ittra ufficcjali *ai termini* tal-artiklu 166A tal-Kap 12;

3. Illi l-ittra ufficcjali *de quo* giet kontestata skont il-ligi;

4. Illi mhux biss is-socjeta` hawn rikorrenti (L&L Europe Limited), m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` l-ohra kontendenti, talli l-istess socjeta` hawn rikorrenti ntavolat kawza fl-ismijiet inversi ghall-ammont akbar, *oltre* id-danni minnha sofferti;

5. Illi l-mandat *in dizamina* ma giex segwit la b'kawza u lanqas b'kontro-mandat kif dovut;

6. Illi saru diversi tentattivi biex jikkomunikaw mas-socjeta` avversarja izda inutilment;

7. Illi ghaldaqstant is-socjeta` hawn rikorrenti titlob li din il-qorti:

i. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq indikat;

ii. Tordna li l-ammont depozitat mill-Bank of Valletta p.l.c. in konsegwenza tal-istess, jigi rilaxxat a favur is-socjeta` rikorrenti odjerna;

iii. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna, tal-kontro-mandat u kwalunkwe spejjez ohra relatati jkunu a karigu tas-socjeta` hawn intimata Essor Systems Limited;

Ikkonstatat li s-socjeta` ntimata Essor Systems Limited giet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh, (ara fol 7 u 8);

Ezaminat in-nota tas-socjeta` rikorrenti L&L Europe Limited datata t-22 ta' Jannar, 2013, flimkien mad-dokumenti hemm esebiti;

Stante li mill-evidenza in dizamina l-allegazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti L&L Europe Limited huma debitament assodati peress li:

1. L-ebda kawza ma giet intavolata fit-terminu wara l-mandat fuq indikat; u

2. Fin-nuqqas, lanqas gie introdott l-appozitu kontro-mandat;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti L&L Europe Limited, u konsegwentement:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq indikat;

2. Tordna li l-ammont depozitat mill-Bank of Valletta p.l.c. inkonsegwenza tal-istess jigi rilaxxat favur is-socjeta` rikorrenti odjerna fuq riferita;

3. Bl-ispejjez, kif mitluba mill-imsemmija socjeta` rikorrenti L&L Europe Limited fir-rikors promotur taghha, favur l-istess socjeta` rikorrenti.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------